MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 350/2001/1

**L-Avukat Dr. Thomas Abela**

**vs**

**Neville Gaffarena**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Previja dikjarazzjoni li hu responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta'**

**Settembru tal-1999, fi Triq Hal-Qormi l-Marsa, meta bil-vettura, li kien qed isuq IAN-278, Vauxhall Chevalier Gls, minhabba traskuragni, sewqan eccessiv u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, dahal fuq il-vettura tal-attur Gemini Isuzu CBB-037, u kkawzalu hsara ingenti, meta tefghu fuq il-vettura ta' quddiemu AAK-096; ihallas lill-attur, id-danni likwidati fl-ammont ta' hames mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM527.75);**

**2. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Lulju tas-sena 2000, u dik legali tad-29 ta' Awissu tas-sena 2000, kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament l-eccipjenti jismu Neville Gaffarena u mhux kif indikat fl-avviz Nevil Gafferena;**

**2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hsara li garrab l-attur ma gietx ikkawzata mid-daqqa li ta l-eccipjenti lill-istess attur, izda mid-daqqa li l-attur ta lill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAK-096;**

**3. Illi l-eccipjenti di fatti baqa' diehel fil-karozza ta' l-attur wara li dan ta' l-ahhar kien habat gol-vettura li kienet tinsab quddiemu u cioe' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAK-096 u dan kif jista' jigi ppruvat ahjar fis-smiegh tal-kawza;**

**4. Illi l-konvenut meta sema' hoss ta' break gej mill-vettura ta' quddiemu, misjuqa mill-attur, zamm il-break hu wkoll. Kien f'dan il-waqt illi l-konvenut mess il-vettura ta' l-attur b'mod minimu. Di**

**fatti tant kemm m'ghandux tort il-konvenut f'dan il-kaz illi l-vettura ta' l-istess konvenut ma garbitx hsara;**

**5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokument esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni ta' l-attur; ir-rapprezentant legali tal-konvenut jaghzel li ma jattendix ghall-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni finali;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-2 ta' Settembru ta' l-1999 ghall-habta tal-5.30p.m. gewwa Triq Hal-Qormi, il-Marsa;**

**2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-attur li kien qed isuq il-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni CBB-037 u l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tal-marka Vauxhall Chevalier GLX jew Gls bin-numru ta' registrazzjoni IAN-278;**

**3. Illi jirrizulta li l-attur kien qed isuq f'karreggjata kollha vetturi u meta dawk precedenti ghalih waqqfu hu kien kostrett jieqaf ukoll;**

**4. Illi meta l-vettura ta' l-attur kienet hekk wieqfa fil-karreggjata taghha, wara vetturi ohra, mill-mera tieghu l-attur jara l-vettura tal-konvenut fuq indikata gejja b'certu velocita' ghall-fuq il-vettura tieghu, bil-konvenut konducent ihares lejn iz-zwiemel li kien hemm fil-vicinanzi fuq ix-xellug tieghu;**

**5. Illi meta l-konvenut rega' hares 'l quddiem, il-velocita' u d-distanza li kien jinsab fiha,**

**ma ppermettewlux jevita l-impatt u b'hekk sehh l-incident in dizamina;**

**6. Illi rizultat ta' l-impatt tal-vettura tal-konvenut fuq dik ta' l-attur, il-vettura ta' l-attur baqghet diehla fuq il-vettura ta' quddiemha;**

**7. Illi rizultat ta' dan il-vettura ta' l-attur soffriet danni konsiderevoli li kollha gew dokumentati skond il-ligi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi mid-dinamika ta' l-incident ghandu jkun pacifiku li l-kawza immedjata tieghu kienet in-nuqqas ta' attenzjoni li l-konvenut kien qed isuq biha;**

**Illi din in-nuqqas ta' prudenza ghalhekk tikkollah bir-responsabbilita' kollha ta' l-incident u konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha minnu kkagunati;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Neville Gaffarena bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meritu ta' din il-procedura;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM527.75,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Neville Gaffarena biex ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidat lill-attur Dr. Thomas Abela, bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Lulju tas-sena 2000 u bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------